Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10336 — PORR/Doka/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 334/06)

1. Fit-12 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PORR AG ("PORR", l-Awstrija), ikkontrollata bi sħab mill-IGO Industries Group (l-Awstrija) u l-iStrauss Group (l-Awstrija),

— Doka GmbH ("Doka", l-Awstrija), li tappartjeni għall-Umdasch Group AG (l-Awstrija),

— l-impriża bi sħab (il-joint venture, "JV", l-Awstrija).

PORR u Doka jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PORR: fornitur ta' servizzi ta' kostruzzjoni, b'mod partikolari l-kostruzzjoni tal-bini, l-inġinerija ċivili, l-iżvilupp ta' proġetti, il-kostruzzjoni tat-toroq u l-inġinerija tal-enerġija / ambjentali.

— Doka: manifattur ta' formworks u scaffoldings, bħal sistemi tal-formwork għall-kostruzzjoni ta' bini ċivili, pontijiet, mini, bini għoli u proġetti ta' infrastruttura,

— il-JV: impriża bi sħab ġdida li se toffri pjattaforma loġistika tal-kostruzzjoni, bil-għan li tiddiġitalizza u tottimizza l-proċess tal-ordni, tal-konsenja u tal-kontijiet fl-industrija tal-kostruzzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10336 - PORR/Doka/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË